# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 397/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jonathan Attard**

Illum, 29 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Jonathan Attard, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 423584M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn it-12 ta' Frar, 2017 u 11 ta' Mejju, 2017 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, naqas li jaghti lil Raisa Micallef, is-somma ta' €100 kull xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-9 ta' Ottubru, 2017 li biha sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal tlett xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermha** f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati u **thassar u tirrevoka** dik il-parti koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell hu limitat ghal piena erogata mill-ewwel Qorti b'argumenti illi din il-Qorti tista' tirriduci fi gravami wiehed ossia li l-piena kominata mhix wahda idonea.  L-appellant jillanja s-sentenza appellata bl-argumenti illi ghalkemm jinsab lura fil-hlas tal-manteniment, xorta wahda ghamel pagamenti f'arretrati, sab xoghol ghal dan il-ghan izda l-introjtu tieghu mhux sufficjenti; u li bl-inkarcerazzjoni tieghu certament mhux ser ikun f'qaghda ihallas il-manteniment dovut;

2. *In primis* tajjeb li jkun imfakkar il-monitu wisq drabi maghmul minn din il-Qorti illi *qua* Qorti tal-Appell Kriminali, mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-piena sakemm din tkun fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li dik kellha tkun aktar jew anqas minn dik fil-fatt kominata. Issa, din il-Qorti wara li tat l-opportunita' lill-appellant li jissalda l-obbligu tieghu, naqas milli jaghmel dan sal-jum u hin li fih qed tkun prolatata din is-sentenza u ghalhekk fin-normalita' ma jkun hemm ebda ostakolu iehor sabiex din il-Qorti tiddisponi minn appell konsimili;

3. Illi, minkejja dak appena konvenut, jidher illi inholoq xi impasse bejn il-partijiet ghaliex l-appellant qieghed joffri li jhallas is-somma indikata fl-imputazzjoni odjerna u s-sentenza skrutinata, dik ta' €300, meta l-kwerelanta qed tistenna hlas tas-somma ta' €1200. Ir-raguni ta' din id-divergenza hija wahda semplici u tinsab fil-fatt illi l-appellant kien misjub hati talli naqas milli jhallas is-somma ta' €100 kull xahar ghat-tlett xhur bejn Frar u Mejju 2017 u ghalhekk f'total ta' €300. Issa, skond il-kwerelanta, u dan anke kif sorrett mill-istess appellant, il-manteniment dovut huwa ta' €300 <u>fil-gimgha</u> u mhux kull xahar. Minkejja dan, il-prosekuzzjoni ma kienitx talbet korrezzjoni tal-imputazzjoni quddiem l-ewwel Qorti u s-sentenza inghatat skond il-fatti kif imputati ghal liema kien ukoll ammetta l-appellant;

4. Illi ghalhekk jidher illi l-hsieb tal-ewwel Qorti dwar il-piena ta' tlett xhur prigunerija kien radikat mill-fatt illi l-appellant kien moruz fl-ammont ta' €1200. Issa, r-rifjut tal-kwerelanta li taccetta s-somma ta' €300 qieghed jippregudika lill-appellant milli jibbenefika minn temperament fil-piena ghaliex il-prassi kurrenti ta' din il-Qorti, anke jekk mhix minquxa fil-gebel, hi li ottemperament fil-mori normalment

igib mieghu varjazzjoni fil-piena kominata. Il-kwistjoni issa ta' kemm fir-realta' hu dovut hi wahda li l-partijiet jehtieg li jirrizolvu f'forum divers minn dan ghaliex ghal fini ta' proceduri kriminali l-appellant ghandu jitqies li ottempera ruhu bil-hlas ta' €300 la darba hekk iddecidiet l-ewwel Qorti;

5. Illi ghalhekk din il-Qorti tiddisponi minn dan l-apppell billi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza li biha l-appellant kien misjub hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha kien ikkundannat  ghall-terminu ta' tlett xhur prigunerija u minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur fit-termini tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u ai termini tal-artikolu 23 tal-istess Kap, tobbligah ihallas lill-kwerelanta l-ammont ta' €300 fi zmien xahar (1) mil-lum.